# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Godwin Zammit**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Godwin Zammit** ID166870M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fit-3 ta' Novembru 2015 għal ħabta ta' bejn 15.00hrs u 16.15 hrs ġewwa dawn il-Gżejjer

1. hedded jew insulenta lil Tania Mifsud bi kliem
2. talli għamel użu ħazin minn mezz tal-komunikazzioni cioe mobile
3. U aktar talli permezz ta' mobile insulenta u hedded lil Tania Mifsud bi kliem u
4. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku kien f'sakra b'mod li ma kienx jista jieħu ħsieb tieghu innifsu.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li fil-fatt l-ewwel imputazzjoni tirriżulta soddisfaċentement ippruvata, mentri mhux l-istess jista' jingħad għall-kumplament tal-imputazzjonijiet.

# *Deċide*

Li qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li hemm il-presupposti meħtieġa sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan li qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' sena mid-data ta' din is-sentenza u dan skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness

ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha u dan wara li din il-Qorti minn qabel ma emanat dan id-digriet spjegat bi kliem ċar u li jinfthiem lill-ħati il-konsegwenzi u l-effetti tal-ordni inkluża kull ħtieġa addizzjonali li tkun qed tiġi proposta li tiddaħħal fl-ordni, u li jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre, il-Qorti li tordna li minnufih jingħataw kopji tal-ordni lil ħati, u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole li għandu jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda toħroġ ordni ta' trattament għal perjodu ta' sena mid-data ta' din is-sentenza u dan skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha u dan wara li din il-Qorti minn qabel ma emanat din id-digriet spjegat bi kliem ċar u li jinfthiem lill-ħati il-konsegwenzi u l-effetti tal-ordni inkluża kull ħtieġa addizzjonali li tkun qed tiġi proposta li tiddaħħal fl-ordni, u li jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jista' jeħel il-pieni kontemplati fil-Liġi.

Inoltre, il-Qorti li tordna li minnufih jingħataw kopji tal-ordni lil ħati, u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole li għandu jassenja uffiċjal tal-*probation* sabiex ikun responsabbli għas-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni fuq il-ħati.

Apparti minn dan wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tassigura li jinżamm l-ordni pubbliku ma kulħadd kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Tania Mifsud, Jennifer Farrugia u Sapienza Zammit, il-Qorti qegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena millum taħt penali ta' elfejn euro.

***Mogħtija fil-15 t'April 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***